MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 448/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Ertugrul Ahmet (ID 145699M) in solidum u E.U Brothers Limited (C40881)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenuti ghandhom ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u tlieta u sittin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€3,763.53c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50814245 (mobile bin-numru 79224566) u A/C50857093 (mobile bin-numru 79939343) moghtija mis-Socjeta’ attrici skont l-annessi

dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50814245 u Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C50857093 u Dok IZY5 – estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY6 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji ta' Malta.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu izda baqghu 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-04 ta' Mejju, 2015 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-Socjeta' attrici datata 4 ta' Mejju, 2015 prezentata seduta stante fejn illi permezz ta' din in-nota s-Socjeta' Mobisle Communications Limited qeghda tirriduci t-talba sabiex issa taqra tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06c).

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti naqsu milli jippruvaw l-kaz taghhom quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06c) kif ridotta, u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------